MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI
# (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR.
## ANTHONY ELLUL

Seduta tal-15 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 75/2004

Adriana Gatt Terribile

-vs-

Kunsill Lokali Ghajnsielem u Direttur tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali u b'digriet moghti fl-14 ta' Novembru 2007 il-Qorti awtorizzat korrezzjoni fis-sens li l-kliem Dipartiment tal-Kunsilli Lokali jithassru u jigu sostitwiti bil-kliem Dipartiment tal-Gvern Lokali

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni prezentata fid-9 ta' Lulju 2004 fejn l-attrici ppremettiet illi l-konvenut Kunsill Lokali ta' Ghajnsielem hareg applikazzjoni ghall-post ta' Segretarju Ezekuttiv ma' l-istess Kunsill Lokali.

Illi l-attrici Adriana Gatt Terribile applikat ghal dan il-post ta' Segretarju Ezekuttiv.

Illi l-istess Kunsill Lokali ta' Ghajnsielem wara li rcieva l-applikazzjonijiet hatar Bord biex jaghmel l-intervisti lill-applikanti u jissuggerixxi min ghandu jinghata din il-kariga;

Illi dan il-Bord ta' l-ghazla kien kompost minn George Mangion u ibnu Pierre Mangion li incidentalment huma l-persuni li jaghmlu l-awditjar tal-kontijiet tal-Kunsill Lokali;

Illi dan il-Bord wara li ghamel l-intervisti wasal ghall-konkluzjoni li jirrakomanda tliet persuni u cioe' lill-attrici, George Larry Zammit u lil Bibiana Sultana. Dan l-istess Bord imbaghad ghadda biex qal li dan il-post ghandu jinghata lil Bibiana Sultana a bazi ta' kwalifici u esperjenza;

Illi fil-kors ta' l-intervisti mill-Bord ta' l-Ghazla saru diversi nezattezzi fosthom illi l-applikanta Bibiana Sultana kellha access ghall-applikazzjonijiet kollha u kienet prezenti fl-ufficcju tal-Kunsill waqt l-intervisti kollha u dan kif jigi dettaljatament ippruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza;

Illi sussegwentement il-Kunsill Lokali ta' Ghajnsielem iddecieda li jaghti l-kariga ta' Segretarju Ezekuttiv lil Bibiana Sultana u d-dipartiment tal-Kunsilli Lokali wera li kien ser japprova l-istess hatra;

Illi min jinghata l-kariga ta' Segretarju Ezekuttiv ta' Kunsill Lokali ghandu jissodisfa r-rekwiziti kif indikati fl-Avviz Legali 127 tal-1998 (Regolamenti dwar Rizorsi Umani) u b'mod partikolari r-regolament tlieta (3) ta' l-istess Avviz Legali;

Illi jirrizulta b'mod car li Bibiana Sultana m'ghandhiex dawn ir-rekwiziti;

Illi minkejja li l-konvenuti Kunsill Lokali ta' Ghajnsielem u d-Dipartiment tal-Kunsill Lokali gew interpellati permezz ta' protest mill-konvenut biex ma jkomplux ghaddejjin b'din il-hatra stante illi din kienet tmur kontra l-ligi dawn xorta komplew ghaddejjin;

Illi minhabba f'hekk l-attrici kellha tistitwixxi mandat ta' inibizzjoni kontra l-konvenuti bin-numru 35/2004 fl-ismijiet **"Adriana Gatt Terribile vs Kunsill Lokali ta' Ghajnsielem et"** liema mandat gie milqugh permezz ta' digriet moghti fit-tnejn (2) ta' Lulju 2004;

Talbet lill-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi Bibiana Sultana m'ghandhiex il-kwalifiki necessarji sabiex tinghata l-kariga ta' Segretarju Ezekuttiv fil-Kunsill Lokali ta' Ghajnsielem ai termini ta' l-Avviz Legali 127 tal-1998;

2. Konsegwentement tinibixxi permanentement lill-konvenuti milli jaghtu din il-kariga lil Bibiana Sultana u tordnalhom illi din il-kariga ghandha tinghata lill-attrici stante li din ghandha l-kwalifici necessarji;

Bl-ispejjez ta' din il-kawza u tal-mandat ta' inibizzjoni numru 35/2005 u l-protest gudizzjarju u bl-ingunzjoni tal-konvenuti skond il-Ligi.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Kunsill Lokali Ghajnsielem prezentata fit-23 ta' Awwissu 2004 fejn eccepixxa:

1. illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bhala nfondati fid-dritt u fil-fatt.

2. illi preliminarjament hemm in-nullita tat-talbiet attrici minhabba kontradittorjeta' fil-premessi u t-talbiet. Filwaqt li fuq in-naha l-wahda, l-attrici qed tikkontesta l-korettezza tal-proceduri li saru s'issa mill-Kunsill dwar din l-applikazzjoni, fl-istess waqt titlob li dawn jitkomplew u l-ghazla finali tkun necessarjament dik ta' l-attrici bhala Segretarju Ezekuttiv. M'ghandux jigi permess li parti titlob lill-Qorti sabiex tiehu decizjoni finali fi proceduri li hija stess qeghda tattakka bhala skorretti.

3. illi fil-mertu, m'huwiex minnu li Bibiana Sultana m'ghandhiex il-kwalifiki rikjesti mill-Avviz Legali 127 ta' l-1998 sabiex tinghata l-kariga ta' Segretarju Ezekuttiv fil-

Kunsill Lokali eccipjenti, u dan kif jigi dettaljatament ippruvat fil-kors ta' din il-kawza.

4. illi madanakollu, fi kwalunkwe kaz, Bibiana Sultana nnifisha rtirat l-applikazzjoni taghha ghal din il-kariga. Huwa ghalhekk li l-Kunsill ma jistax iktar jahtarha bhala Segretarju Ezekuttiv kif kien intenzjonat.

5. illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-inqas ghandu jirrizulta li kemm-il darba verament Bibiana Sultana m'ghandhiex il-wkalifiki rikjesti mill-Avviz Legali msemmi, allura necessarjament u inevitabilment ghandha tkun l-attrici li tinghata din il-kariga minflokha.

6. salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali prezentata fl-24 ta' Awwissu 2004 (fol. 14) fejn eccepixxa:

1. illi t-talbiet attrici fil-konfront ta' l-eccipjenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-hatra ta' Segretarju Ezekuttiv ta' Kunsill Lokali ssir mill-istess Kunsill Lokali u f'dan ir-rigward l-eccipjenti ghandu biss funzjoni konsultattiva.

2. illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, Bibiana Sultana fil-fatt ghandha l-kwalifiki necessarji sabiex tinghata l-kariga ta' Segretarju Ezekuttiv fil-Kunsill Lokali ta' Ghajnsielem, u dan kif irrizulta lill-eccipjenti waqt il-process ta' konsultazzjoni.

Semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni li saret mid-difensur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali waqt is-seduta tal-14 ta' Novembru 2007.

Rat l-atti kollha, inkluz in-noti ta' sottomissjonijiet prezentati mill-attrici u l-kunsill konvenut.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' Novembru 2007 minn fejn jirrizulta li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

1. Il-fatti rilevanti tal-kaz huma s-segwenti:-

(a) Fis-sena 2004 il-kunsill konvenut hareg sejha ghall-applikazzjonijiet ghal mili tal-post ta’ segretarju ezekuttiv (cjoe’ l-kap ezekuttiv, amministrattiv u finanzjarju) fil-kunsill lokali ta’ Ghajnsielem. Permezz ta’ ittra datata 8 ta’ Jannar 2004 (fol. 104), il-Korporazzjoni Ghall-Impjieg u Tahrig gharrfet lill-kunsill li kien qieghed jinghata permess (numru 1/2004) sabiex johrog sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-kariga ta’ segretarju ezekuttiv; *“once the selection process has been finalised, please forward a copy of the selection’s board report and details of the person/s selected and copies of qualifications.* ***Please note that this permit expires on 8th July 2004 and no further extension will be issued. Hence if recruitment is not affected until this date a fresh request has to be submitted****”* (enfazi tal-Qorti).

(b) L-attrici kienet wahda mill-persuni li applikat. Bibiana Sultana, li kienet diga’ qeghda tahdem fl-ufficcju tal-kunsill lokali, applikat ukoll ghal din il-kariga.

(c) Bibiana Sultana kienet tokkupa l-kariga ta’ deputat segretarju ezekuttiv. Fil-fatt waqt il-laqgha li saret fit-13 ta’ Ottubru 2003, il-kunsill (fuq proposta tas-sindku) kien approva l-hatra taghha f’din il-kariga. Fil-proposta li ghamel is-sindku (fol. 146) jissemma li Bibiana Sultana kienet ilha tlett snin impjegata mal-kunsill. Mill-atti jirrizulta li kienet qeghda tahdem bhala skrivana.

(d) Il-kunsill hatar bord sabiex jaghmel l-intervisti u rapport bir-rakkomandazzjonijiet tieghu dwar min ghandu jinghata l-kariga. Il-membri fuq dan il-bord kienu George Mangion u Pierre Mangion.

(e) Il-bord hejja rapport, datat 7 ta’ April 2004 (fol. 107-109) fejn esprima l-fehma li l-kandidati l-iktar kwalifikati ghal din il-kariga kienu l-attrici, Bibiana Sultana, u George Larry Zammit. Il-konkluzjoni li wasal ghaliha l-bord kienet li *“our choice is based on a mixture of work experience at*

*managerial level, academic qualifications, and knowledge of the Local Council procedures and operations. In our opinion, of the three short listed Bibiana Sultana qualifies on both counts of experience and qualifications and of course is immediately available”* (fol. 109).

(f) Min-naha tieghu l-kunsill ghazel lil Bibiana Sultana. Tant hu hekk li fil-minuti tal-laqgha li saret fis-7 ta’ April 2004 jinghad: *“il-Kunsill unanimament iddecieda li jaccetta r-rizultat tal-Board u jahtar lil Bibiana Sultana fil-post ta’ Segretarju Ezekuttiv. Din id-decizjoni ghandha tigi mghoddija lid-Direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex tigi konfermata ufficcjalment fil-Gazzetta tal-Gvern”* (fol. 134).

(g) Sussegwentement permezz ta’ ittra datata 8 ta’ April 2004 (fol. 125) il-kunsill baghat jitlob lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex *“tilqa’ d-decizjoni mehuda mill-Board ta’ l-Ghazla u konfermata minnu u eventwalment ufficcjalment tahtar lis-Sinjura Bibiana Sultana fil-kariga gdida ta’ Segretarju Ezekuttiv ghat-tlett snin li gejjin: 1 ta’ Mejju 2004-30 ta’ April 2007”*.

(h) L-attrici qeghda ssostni li Bibiana Sultana m’ghandix il-kwalifiki li jitolbu r-regolamenti sabiex tinghata l-kariga ta’ segretarja ezekuttiv mal-kunsill lokali u l-kariga messha tinghata lilha. Sahansitra ssostni li Bibiana Sultana lanqas biss ma kellha kwalifiki necessarji sabiex tinghata kariga ta’ skrivana ma’ l-istess kunsill lokali. Tallega wkoll li sar numru ta’ “inezattezzi” pero’ dwar liema ma ghamlet l-ebda talba specifika.

(i) Permezz ta’ nota prezentata fl-20 ta’ Gunju 2007, l-attrici ddikjarat li l-kawza qeghda taghmilha ai termini ta’ l-Artikolu 469(1)(b) tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12).

(j) Minn qari tac-citazzjoni jirrizulta li l-ilmenti ta’ l-attrici huma s-segwenti:

(i) Li fil-kors tal-intervisti mill-Bord tal-Ghazla *“saru diversi inezattezzi fosthom illi l-applikanta Bibiana Sultana kellha access ghall-applikazzjonijiet kollha u kienet prezenti fl-ufficcju tal-Kunsill waqt l-intervisti kollha”*;

(ii) Li Bibiana Sultana ma kellix ir-rekwiziti mitluba mill-Avviz Legali 127 tal-1998 (Regolament dwar Rizorsi Umani) u b'mod partikolari regolament tlieta (3) tal-istess Avviz Legali.

(k) Fis-seduta tat-13 ta' Gunju 2007 xehed in kontro-ezami Francis Cauchi (sindku tal-kunsill) u kkonferma li *"…. jiena nikkonferma illi Bibiana Sultana qaltli li m'ghadhiex aktar interessata f'din il-kariga ta' segretarja amministrattiv tal-Kunsill. Tant hu hekk li bghatitilna ukoll bil-miktub fejn irtirat l-applikazzjoni taghha. Din il-kwistjoni tant dejqitha lil Bibiana li ma riditx tibqa' involuta f'dan il-kaz"* (fol. 169). Fis-seduta tal-24 ta' Frar 2005 kienet Bibiana Sultana stess li ddikjarat li m'ghadhiex interessata li tiehu l-kariga ta' segretarju ezekuttiv tal-kunsill u li kienet anke baghatet ittra lill-kunsill f'dan ir-rigward.

2. Jibda biex jinghad li l-ewwel eccezzjoni li nghatat mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali hi ghal kollox flokha. Skond l-Artikolu 49 tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), l-impjieg ta' segretarju ezekuttiv isir mill-kunsill lokali b'konsultazzjoni mal-Ministru responsabbli ghall-gvern lokali. Ghalhekk dan il-konvenut m'huwiex legittimu kontradittur, minkejja l-fatt li mill-provi rrizulta li kien qieghed jaqbel mal-ghazla li ghamel il-kunsill lokali u kien qieghed jigbor l-informazzjoni sabiex ikun jista' jaghti parir lill-Ministru. Id-Dipartiment ma jiehu l-ebda decizjoni ghalkemm wiehed jifhem li jinvolvi ruhu fil-*vetting* tad-dokumenti u sahansitra jaghti wkoll parir lill-Ministru responsabbli.

3. Il-kunsill konvenut eccepixxa n-nullita' tac-citazzjoni ghaliex isostni li l-premessi u t-talbiet huma kontradittorji ghal xulxin. Hu minnu li fil-premessi tac-citazzjoni l-attrici qeghda ssostni li sehhew certi rregolaritajiet fil-process tal-ghazla ghall-kariga ta' segretarju ezekuttiv. Hekk per ezempju tippremetti li Bibiana Sultana kellha access ghall-applikazzjonijiet u kienet ukoll prezenti fil-hin ta' l-

intervisti[1]. Pero' mit-talbiet hu evidenti li l-attrici m'hijiex titlob li l-process tal-ghazla jigi dikjarat null, imma sabiex:-

i. Jigi dikjarat li Bibiana Sultana ma kenitx eligibbli sabiex tigi kunsidrata ghal din il-kariga ghaliex l-attrici ssostni li m'ghandix il-kwalifiki mehtiega skond l-Avviz Legali 127 tal-1998;
ii. Il-kunsill jigi inibit b'mod permanenti milli jaghti l-kariga lil Bibiana Sultana;
iii. Il-kariga tinghata lill-attrici in kwantu ghandha l-kwalifiki necessarji.

Ghalhekk jidher li bit-talbiet l-attrici qeghda tikkontesta d-decizjoni tal-kunsill li jaghti l-kariga ta' segretarja ezekuttiv lil Bibiana Sultana limitatament fuq il-bazi tal-premessa li ma kellix il-kwalifiki mehtiega skond l-Avviz Legali 127 tal-1998. Ma jistax ghalhekk jigi dikjarat li t-talbiet tal-attrici huma kontradittorji ta' xulxin. Ovvjament ghal dawk li huma premessi li saru fic-citazzjoni li m'humiex riflessi fit-talbiet tal-attrici, dawn ghandhom jigu injorati in kwantu hemm qabza bejn dawn il- premessi u dak li gie mitlub. Dan apparti l-fatt li l-mod kif giet redatta c-citazzjoni, ghalkemm bla dubju setghet saret b'mod ahjar, ma holqot l-ebda pregudizzju ghall-konvenut. Konferma ta' dan hu minn dak li nghad fin-noti ta' l-eccezzjonijiet u x-xhieda li tressqu.

4. Kif rajna, fil-mori tal-proceduri l-attrici ddikjarat li l-kawza saret a tenur ta' l-Artikolu 469(b) tal-Kap. 12. Jekk wiehed kellu jipprova jara taht liema wiehed (jew iktar) mill-erbgha paragrafi tista' tigi meqjusa l-azzjoni tal-attrici mehud in konsiderazzjoni tal-premessi, it-talbiet u l-provi mressqa, paragrafu (iv) jidher l-iktar rilevanti; *"meta l-eghmil amministrattiv ikun imur mod iehor kontra l-ligi"*[2].

L-Avviz Legali numru 127 tas-sena 1998[3] jipprovdi dwar il-kwalifika li ghandu jkollha persuna ghall-hatra ta' Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill:-

---

[1] L-allegazzjoni li Bibiana Sultana kien prezenti waqt l-intervisti, ma gietx ippruvata.
[2] Artikolu 469A(b)(iv).
[3] Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Rizorsi Umani).

*"Ebda persuna ma tkun kwalifikata biex tinhatar Segretarju Ezekuttiv ta' Kunsill Lokali jekk din il-persuna ma tipproducix certifikat, riferenza jew dikjarazzjoni li ghandha dawn il-kwalifiki minimi li gejjin:*

*(a) ikun jaf tajjeb il-proceduri ta' Accounts u Office Computer Applications (Word-processing, Data-base u Spreadsheet);*
*(b) ikollu esperjenza jew kompetenza manigerjali u/jew ezekuttiva; u*
(c) *ikollu dawk il-kwalifiki li normalment jintalbu biex wiehed jibda kors universitarju fl-istudji ghal degree fil-Business Administration u/jew fil-Management".*

Minn qari ta' l-affidavit li ghamlet l-attrici hu evidenti li l-ilment taghha kien relatat mal-fatt li Bibiana Sultana, il-persuna maghzula biex lilha jinghata l-impjieg ta' segretarju ezekuttiv, ***"….ma kelliex il-kwalifiki mehtiega biex tapplika stante li ma kellhiex dawk il-kwalifiki li normalment jintalbu biex wiehed jibda kors universitarju fl-istudji ghal degree fil-Business Administration u/jew fil-Management. Allura din mill-bidu nett lanqas biss setghet tapplika ghal post vakanti ta' Segretarju Ezekuttiv"*** (fol. 96)[4]. Ghal dawk li huma kwalifiki ta' studju, Bibiana Sultana kellha erbgha O'Levels, Malti (grade 4), Ingliz (grade C), Matematika (grade D) u Taljan (grade C) u kellha wkoll *Diploma fl-Interior Decorating*. Il-Qorti tistqarr li f'dawn ic-cirkostanzi hi kemxejn perplessa dwar il-mod kif il-bord tal-ghazla u kif wara kollox approvat mill-kunsill lokali, wasal biex b'dak li qal fir-rapport kien qieghed jiddikjara li din il-kandidata kellha l-kwalifiki ***"li normalment jintalbu biex wiehed jibda kors universitarju fl-istudji ghal degree"*** (regolament 3[c]) fl-oqsma fuq imsemmija. Decizjoni li l-bord, mahtur mill-kunsill, wasal ghaliha fuq semplici email li jidher li Bibiana Sultana baghatet fis-6 ta' Frar 2004 lil University of East London u t-twegiba li nghatat (ukoll b'email) minn certu Lucy A. Ashiagbor (ukoll permezz ta'

[4] Fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici saru wkoll argumenti li Bibiana Sultana ma kellix il-kwalifiki l-ohra kontemplati f'regolament 3(a) u (b) tal-Avviz Legali 127 tal-1998.

email) fit-2 ta' Settembru 2004. Fir-risposta jinghad: *"I can see from your qualifications and work experience that you will be eligible to take a part-time degree with us at the East London Business School. The fact that Malta is to be a member of the EU in May 2004 means that you will no longer be classed as an international student and will be allowed to have a student visa to study part time. International students are only eligible for full time courses. I look forward to receiving your application for the September 2004 start"*. Pierre Mangion, wiehed mill-membri tal-bord spjega li *"Ahna dwar ir-requisite ta' kwalifiki ta' l-Universita' strihajna fuq id-dokument a fol. one four zero (140). Min-naha taghna ma saru l-ebda verifiki ma' l-Universita' f'Malta biex naraw jekk din il-kandidata kinitx elegibbli biex issegwi kors fl-Universita' ta' Malta. Ahna lanqas ma dhalna dwar x'tip ta' kwalifiki kellek bzonn biex tkun eligibbli ghal University of East London u lanqas ma ghamilna xi ricerka fuq din l-Universita'. Min-naha tieghi ma nistax nghid jekk il-University of East London tezistix jew le. Ahna f'dak l-istadju fhimna illi d-dokument hu veru u ma kellniex ghalfejn niddubitaw. Peress li kienet an electronic communication ahna ma hassejniex il-htiega illi nitolbu li jkollna dokument iffirmat"* (fol. 189)[5]. Hi l-fehma tal-Qorti li l-ezercizzju li kellu jaghmel il-bord kien imur oltre minn dak li jircievi u jaccetta dokument minghajr firma. Inoltre, il-Qorti m'ghandix dubju li r-regolament ma ghandux jigi nterpretat u/jew applikat bil-mod laxk li fil-fatt gie. Hu veru li r-regolamenti ma jistipulawx li l-kwalifiki jridu jkunu accettabbli ghall-Universita' ta' Malta, pero' wiehed kien jistenna li l-awtorita' taghmel il-verifiki opportuni iktar u iktar meta r-regolamenti stess ighidu li l-applikant irid jipprezenta ***"certifikat, riferenza jew dikjarazzjoni"*** li ghandu tali kwalifiki. Fil-fehma tal-Qorti id-dokument a fol. 130 (li lanqas biss mhu ffirmat) ma jikkwalifikax bhala tali. Dan apparti l-konsiderazzjoni l-ohra li mill-provi rrizulta wkoll li Bibiana Sultana kienet impjegata mal-kunsill konvenut[6] fil-kariga ta' skrivan meta skond l-istess Avviz

[5] Seduta tad-19 ta' Settembru 2007.

[6] Skond dikjarazzjoni mahruga mis-sindku datata 13 ta' Ottubru 2003, Bibiana Sultana kienet ilha minn Awwissu 2000 impjegata mal-kunsill konvenut. Hekk ukoll f'ittra datata 8 ta' April 2004 (fol. 125), Dolindo Cassar (Segretarju Ezekuttiv) ikkonferma li "…..

Legali lanqas biss kellha l-kwalifiki minimi akkademici rikjesti sabiex tokkupa tali kariga[7]. L-interpretazzjoni li qieghed jaghti l-kunsill lokali lil dan ir-regolament ikun ifisser li biex tapplika ghall-kariga ta' skrivan ghandek bzonn iktar kwalifiki akkademici minn dik ghall-ghola kariga amministrattiva fi hdan il-kunsill. Fil-fehma tal-Qorti dan m'huwiex il-mod korrett li ghandu jigi nterpretat dan ir-regolament, u l-Qorti wisq inqas ma temmen li din kienet l-intenzjoni meta dahal fis-sehh l-Avviz Legali 127 tal-1998. Ghalkemm regolament 3(c) ma jghidx li l-kwalifiki jridu jkunu akkademici, hi l-fehma tal-Qorti li din kienet l-intenzjoni in kwantu r-regolamenti jipprovdu li sabiex wiehed isegwi kors universitarju irid ikollu l-kwalifi ***"li <u>normalment</u> jintalbu"*** (reg. 3[c] – enfazi u sottolinejar tal-qorti). F'dan il-kuntest ir-raguni u l-logika ighidulek li kellha tintuza iktar kawtela sabiex jigi stabbilit b'certezza li kull applikant kellu l-kwalifiki rikjesti sabiex isegwi wiehed mill-korsijiet universitarji li jissemmew fl-avviz legali u li jkun gie prezentat certifikat, dikjarazzjoni jew riferenza f'dan is-sens. Kwalifiki li huma mandatorji ghall-ghola kariga amministrattiva fil-kunsill, sakemm per ezempju persuna ma tkunx diga' tokkupa l-kariga ta' segretarju ezekuttiv. Inoltre, ghall-Qorti hi nkwetanti d-dikjarazzjoni li ghamel wiehed mill-membri tal-Bord li lanqas biss jaf jekk l-Universita' minn fejn suppost intbaghat id-dokument (fol. 130), kienitx tezisti (ara xhieda ta' Pierre Mangion – seduta tad-19 ta' Settembru 2007[8]).

Fir-rapport li ghamel, il-bord tal-ghazla ddikjara li l-ghazla ta' tlett kandidati (fosthom l-attrici u Bibiana Sultana) *"……is based on a mixture of work experience at managerial level,* ***academic qualifications*** *and knowledge of the Local Council procedures and operations"* (enfazi tal-Qorti - fol. 109). Rapport li l-kunsill

---

*Bibiana Sultana jisthoqqilha fuq kollox tiehu l-post minhabba l-kapacitajiet singolari li ghandha wara li issa ilha 'l fuq minn 3 snin tahdem bl-akbar impenn u dedikazzjoni fl-ufficcju amministrattiv tal-kunsill kemm* ***skrivana*** *kif ukoll bhala deputat segretarju ezekuttiv"* (enfazi tal-Qorti). Bibiana Sultana stess ikkonfermat (seduta tal-24 ta' Frar 2005 – fol. 35) li tahdem mal-kunsill bhala skrivana.

[7] Skond regolament 14(3) skrivan jehtieg *"five different subjects at ordinary level (a minimum of 'O' level passes in Grade C or equivalent), which shall include Maltese, English and Mathematics"*.

[8] *"Min-naha tieghi ma nistax nghid jekk il-University of East London tezistix jew le"* (fol. 189).

approva tant li addotta b'mod unanimu r-rakkomandazzjoni li Bibiana Sultana tinghata l-kariga ta' segretarju ezekuttiv. F'dan il-kuntest il-Qorti tapprezza u tifhem l-oggezzjoni tal-attrici, in kwantu jekk Bibiana Sultana ma kellix il-kwalifiki minimi akkademici ghall-kariga ta' skrivana kif seta' l-bord ighid li kellha l-kwalifiki akkademici ghall-ghola kariga amministrattiva fi hdan il-kunsill ? Dan in kwantu anke din il-kariga kienet titlob kwalifiki, li ghalkemm differenti minn dik ta' skrivan, pero' kellhom ikunu tali li *"normalment jintalbu"* biex tkun tista' ssegwi kors universitarju fl-oqsma fuq imsemmija.

Ghall-Qorti lanqas mhu bizzejjed li s-sindku jghid li *"ivverifikajt mad-Dipartiment tal-kunsilli li l-produzzjoni ta' email minn Universita' barra minn Malta hija meqjusa bhala sufficjenti biex jigi ppruvat li Sultana tikkwalifika ghal kors dwar business administration. L-istess Dipartiment ikkonferma mieghi li dan kien fil-fatt sufficjenti"* (fol. 101). Mill-atti hu evidenti li l-kunsill kien diga' ha d-decizjoni li jimpjega lil Bibiana Sultana, u kien biss wara li ttiehedet id-decizjoni li talab ghall-approvazzjoni.

Ovvjament, b'daqshekk il-Qorti m'hijiex tghaddi xi gudizzju dwar il-kompetenza ta' Bibiana Sultana fil-qadi ta' dmirijiet taghha fl-ufficcju tal-kunsill, u li mill-atti jidher li kienet tgawdi l-fiducja ta' kullhadd tant li b'rizoluzzjoni unanima li ttiehdet fil-laqgha tat-13 ta' Ottubru 2003 inghatat il-kariga ta' Deputat Segretarju Ezekuttiv (fol. 148)[9]. Fl-ezercizzju li jrid isir il-Kunsill ghandu d-dritt li jezercita d-diskrezzjoni tieghu biex jara min hu l-kandidat l-iktar idoneju biex jinghata l-kariga. Min-naha l-ohra pero' d-diskrezzjoni ghandha tigi ezercitata fit-termini tal-ligi li bis-sahha taghha tkun qeghda tigi operata. Rilevanti hi l-osservazzjoni li ghamel Lord Diplock fil-kawza **Council of Civil Service Unions v Minister for the Civil Service** (1985): *"by illegality as a ground for judicial review I mean that the decision maker must understand correctly the law that regulates his decision-making power and must give effect to it. Whether he has or not is par excellence a*

[9] Ara wkoll l-ahhar parti tax-xhieda ta' Pierre Mangion li nghatat fis-seduta tad-19/9/2007 (fol. 189).

*justiciable question”*. Kif osservat il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza **Zahra vs Malta Maritime Authority,** deciza fl-10 ta` Jannar, 2007, setgha diskrezzjonali moghtija mil-ligi ma tistax titqies wahda assoluta; *“Illi dik l-istess diskrezzjoni trid dejjem tigi ezercitata fil-limiti tal-ligi u f`dawn il-limiti li mill-gurisprudenza gew senjati ghall-ezercizzju tad-diskrezzjoni. Primarjament, li l-Awtorita` hi tenuta timxi mhux biss “rite” imma anke “recte”.”*

Madankollu, l-Qorti hi tal-fehma li ghandhom isiru dawn il-konsiderazzjonijiet:-

(a) Il-Qorti hi tal-fehma li kien ikun ferm ahjar li kieku Bibiana Sultana kienet parti f’dawn il-proceduri in kwantu fihom l-attrici qeghda tikkontesta l-kwalifiki ta’ din il-kandidata ghall-kariga ta’ segretarju ezekuttiv. Dan minkejja l-fatt li l-kwistjoni hi bejn l-attrici u l-kunsill u ghalhekk jidher li l-gudizzju hu integru.

(b) Fic-citazzjoni ma sar l-ebda accenn jew talba sabiex jigi dikjarat li l-eghmil tal-kunsill, meta ghazel lil Bibiana Sultana, hu *ultra vires* ghal xi wahda mir-ragunijiet li jissemmew fl-Artikolu 469A tal-Kap. 12. Ghalkemm dan hu minnu, minn qari tac-citazzjoni hu evidenti li l-attrici qeghda tikkontesta d-decizjoni amministrattiva li ha l-kunsill li jimpjega lil Bibiana Sultana fil-kariga ta’ segretarju ezekuttiv u tippretendi li l-kariga kellha tinghata lilha ghaliex hi kienet l-iktar kwalifikata. Ghalkemm hu minnu li n-natura ta’ l-azzjoni titnissel mill-kliem li jintuzaw fl-att tac-citazzjoni (illum rikors guramentat) u mit-talbiet, l-ezercizzju li l-attrici talbet lill-Qorti sabiex taghmel hu proprju biex tistharreg id-decizjoni li ha l-kunsill. Dan apparti l-fatt li hu maghruf li d-dikjarazzjonijiet li talvolta jkunu mehtiega biex l-attur jasal ghal xi wahda mid-domandi tieghu ma hemmx bzonn illi jsiru fic-citazzjoni taht forma ta’ domanda. Dikjarazzjoni simili kienet mehtiega sabiex l-attrici tasal ghat-tieni talba taghha.

(c) L-azzjoni tal-attrici tilfet kull skop sa minn stadju bikri ta’ dawn il-proceduri. Bibiana Sultana baghatet tgharraf lill-kunsill li m’ghadhiex interessata fil-kariga u,

skond il-kunsill, irtirat ukoll l-applikazzjoni[10]. Is-sindku stess ikkonferma li l-process *"….l-inqas* (*recte* lanqas) *biss jista' jigi konkluz ghax, il-persuna maghzula, li hija Bibiana Sultana, innifisha rtirat l-applikazzjoni taghha.* ***Ghalhekk jehtieg bilfors li ssir sejha ghall-applikazzjonijiet mill-gdid****"* (enfazi u sottolinejar tal-Qorti - fol. 102). Fil-fatt irrizulta li l-permess li kien inghata mill-Kororazzjoni ghat-Tahrig u Mpiegi ilu s-snin li skada. Inoltre, ir-rimedju li qeghda titlob l-attrici, cjoe' li tinghata l-kariga ta' segretarju ezekuttiv tal-kunsill, ma tista' qatt tasal ghalih (kif ser jigi spjegat iktar 'il quddiem). L-azzjoni ta' l-attrici ma gietx limitata biss sabiex tottjeni dikjarazzjoni preordinata ghal azzjoni ohra defenittiva u ahharija, imma sabiex tinghata l-kariga ta' segretarju ezekuttiv minflok Bibiana Sultana.

5. Fir-rigward tat-tieni talba, kif diga' nghad din certament ma tista' qatt tigi milqugha in kwantu:-

(a) m'huwiex legalment koncepibbli li tigi kunsidrata u milqugha talba sabiex il-kunsill lokali jigi inibit **b'mod permanenti** milli jaghti l-kariga ta' segretarju ezekuttiv lil xi persuna partikolari. Apparti l-fatt li l-kuncett ta' inibizzjoni perpetwu m'huwiex legalment koncepibbli[11], il-Qorti ma tifhimx kif l-attrici qeghda tippretendi:-

i. Li fil-futur Bibiana Sultana m'ghandix tigi kunsidrata ghal kariga ta' segretarju ezekuttiv f'kaz li ssir sejha gdida ghall-applikazzjonijiet ghall-kariga ta' segretarju ezekuttiv diment li tkun tissodisfa r-rekwiziti mposti mir-regolamenti.

ii. Kif qatt tista' tinghata decizjoni simili meta Bibiana Sultana m'hijiex parti f'din il-kawza. Decizjoni simili bla dubju tolqot id-drittijiet u interessi ta' terzi persuni li m'humiex parti fil-kawza. Hu minnu li s-sentenzi

[10] Fin-nota ta' l-eccezzjoni l-kunsill ikkonferma li: *"Illi madankollu, fi kwalunkwe kaz, Bibiana Sultana nnifisha rtirat l-applikazzjoni taghha ghal din il-kariga. Huwa ghalhekk li l-Kunsill ma jistax iktar jahtarha bhala Segretarju Ezekuttiv kif kien intenzjonat"* (fol. 11).

[11] Ara sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fil-kawza **Lawrence Tabone proprio et nomine vs Raymond Tabone** deciza fl-14 ta' Jannar 2002.

ghandhom effett fil-konfront ta' min ikun parti fil-proceduri, pero' b'dikjarazzjoni simili l-kunsill ikun qieghed jigi mpost obbligu fuqu li bla dubju jkollu effett fuq terza persuna. Fattur li l-Qorti ma tistax tinjora.

Il-Qorti m'ghandix id-dritt li tillimita l-operat ta awtorita' jew tissindika l-ezercizzju tad-diskrezzjoni amministrattiva li indubbjament ghandha, diment li din id-diskrezzjoni tkun ezercitata fil-limiti tal-ligi li bis-sahha taghha tkun qeghda tigi ezercitata. Kieku kellha tigi milqugha t-tieni talba ikun ifisser xejn inqas minn indhil mhux floku fil-funzjonijiet tal-kunsill u restrizzjonijiet mhux accettabbli li jammontaw ghall-inibizzjoni ta' l-awtorita' pubblika li tezercita l-funzjonijiet moghtija b'ligi, u dan fuq is-semplici presuppost li tista' tinkiser il-ligi.

(b) Din il-Qorti ma tistax tordna li l-kariga ta' segretarju ezekuttiv tinghata lill-attrici. B'ligi l-ghazla ta' min ghandu jinghata din il-kariga hi tal-kunsill lokali b'konsultazzjoni mal-Ministru responsabbli ghall-Gvern Lokali. Fil-fatt l-Artikolu 49 tal-Att dwar Kunsilli Lokali jipprovdi:-

**49.** (1) Kull Kunsill għandu, wara konsultazzjoni mal-Ministru, jaħtar Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill: Hatra ta' Segretarju Eżekuttiv. *Emendat: XXI.1999.3; I. 2005.16.*

Iżda l-Ministru għandu, sakemm jiġi maħtur l-ewwel Segretarju Eżekuttiv, jinnomina persuna bħala Aġent Segretarju Eżekuttiv.

Ghalhekk kif tajjeb osserva l-kunsill lokali[12], il-Qorti m'ghandix tissostitwixxi d-diskrezzjoni rizervata b'ligi lill-kunsill lokali b'dik taghha; *"The court of review will will be careful not simply to substitute its own views on the merits of the exercise of the power for that of the appointed agency; that would be to assume an appellate function"* (*Garner's Administrative Law*, B L Jones u K Thompson, Tmien Edizzjoni, Butterworths (1996) pagna 219). Hekk ukoll *"….. The crucial question, however, is: In what circumstances and to what extent will the courts review the merits of the exercise of a statutory discretion which is neither made subject to appeal nor limited by the express*

[12] Ara nota ta' sottomissjonijiet prezentata mill-kunsill lokali fid-29 ta' Frar 2008.

*provisions of a statute ? The courts have repeatedly affirmed their incapacity to substitute their own discretion for that of an authority in which the discretion has been confided"* (De Smith & Evans, *Judicial Review of Administrative Action*, Raba' Edizzjoni (1980) p. 278-279)[13]. Insenjament li gie ribadit mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz **David Axiaq vs l-Awtorita' tat-Trasport Pubbliku** deciza fl-14 ta' Mejju 2004: *"Il-Qorti f'kawza ghal stharrig gudizzjarju ma tistax tissostitwixxi ruhha ghall-awtorita` li tkun u, per ezempju, tordna li tinhareg il-licenzja li tkun giet rifjutata mill-awtorita` kompetenti"*. Fin-nuqqas il-Qorti tkun qeghda tuzurpa d-diskrezzjoni li tkun inghatat lill-awtorita' bis-sahha tal-ligi. Kieku din il-Qorti kellha taghmel mod iehor ikun ifisser li qeghda tillimita l-operat tal-awtorita' tal-kunsill jew li tissindika diskrezzjoni amministrattiva li m'hemmx dubju li l-kunsill ghandu, ovvjament diment li din tkun ezercitata fil-limiti tal-ligi u r-regolamenti li in forza taghhom ikun qieghed jopera. Kif wisq tajjeb jinghad fil-Fordham's *Judicial Review Handbook*: *"Although many successful judicial review cases will lead to the claimant ultimately securing the desired outcome, many will not. The chance of reconsideration afresh can be worth fighting for. But claimants need to understand that victory in judicial review may sometimes leave their circumstances unchanged and, worse than that, can leave their position (or that of others) even worse than before"*[14]. Dan apparti l-fatt li ghalkemm l-attrici jista' ghandha l-kwalifiki kollha rikjesti mill-Avviz Legali 127 tas-sena 1998 ghall-kariga ta' segretarju ezekuttiv, ma jfissirx b'daqshekk li l-kariga ghandha bilfors tinghata lilha.

6. Finalment ser jinghata wkoll provvediment dwar ir-rikors tal-attrici li sar fil-11 ta' Jannar 2005 (fol. 18) u li permezz tieghu talbet li l-Qorti tordna li jittiehdu proceduri ta'

---

[13] Bran li gie citat fil-kawza **Lawrence Borg nomine vs Gvernatur tal-Bank Centrali ta' Malta** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Imhallef J.R. Micallef) fl-1 ta' Marzu 2004 u **Gafa' Saveway Ltd vs Malta International Airport plc et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Imhallef T. Mallia) fis-7 ta' Marzu 2008.

[14] Michael Fordham, *Judicial Review Handbook*, Fourth Edition, 2004, Hart Publishing, para 3.2.

disprezz ghaliex wara l-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni numru 35/2004, il-kunsill hatar lil Anton Zammit bhala deputat segretarju ezekuttiv. Il-Qorti rat ir-riposta tal-kunsill (fol. 22 u 34) u qeghda tichad it-talba tal-attrici in kwantu:-

(a) Il-mandat ta' inibizzjoni numru 35/2004 ma kienx jinibixxi lill-kunsill milli jinkariga deputat segretarju ezekuttiv;

(b) Il-ligi stess (Kap. 363) jipprovdi ghan-nomina ta' deputat segretarju ezekuttiv meta l-kariga ta' segretarju ezekuttiv hi vakanti;

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:-

1. Tilqa' l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur ghad-Dipartiment tal-Gvern Lokali u ghalhekk tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju. Spejjez ghall-attrici.

2. Tichad l-eccezzjoni dwar in-nullita' tal-kawza u t-tielet eccezzjoni moghtija mill-kunsill u tilqa' l-ewwel talba tal-attrici fis-sens li Bibiana Sultana ma kienitx tissodisfa r-rekwizit kontemplat f'regolament 3(c) tal-Local Councils (Human Resources) Regulations[15], spejjez kontra l-kunsill konvenut.

3. Tilqa' r-raba' u l-hames eccezzjoni tal-kunsill konvenut u tichad it-tieni talba ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija. Spejjez kontra l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------

[15] Avviz Legali 127 tal-1998.